*Stqarrija Konġunta għall-Istampa 12.11.25*

**Il-ġlieda biex insalvaw lil Kemmuna mir-regħba se tkompli**

Il-ġlieda biex insalvaw ir-riżerva naturali ta' Kemmuna mill-iżvilupp tal-Hili Group se tkompli wara li t-Tribunal tal-Ippjanar (EPRT) — kif kien mistenni — ċaħad l-appell imressaq minn għaxar għaqdiet u diversi individwi.

Aktar kmieni din is-sena, l-Awtorità tal-Ippjanar approvat lukanda lussuża ta' 140 kamra, 16-il villa, u 44 pixxina fuq Kemmuna, minkejja li l-EIA enfasizza li dan se jwassal għal effetti negattivi sinifikanti fuq l-integrità tal-ħabitati ta' Kemmuna. Jekk dan il-proġett jibqa' għaddej kif inhu, il-Kemmuna li nafu se nitilfuha darba għal dejjem. Wieħed mill-ispazji naturali li fadal relattivament mhux mimsus f'pajjiżna jinsab f'riskju li jiġi mibdul f'żona oħra urbanizzata żviluppata għall-gwadann tal-privat, b'riżultat ta' dannu ambjentali irriversibbli.

L-appell imressaq quddiem it-Tribunal tal-Ippjanar saħaq li l-iżvilupp intensiv propost minn Hili jmur kontra l-Pjan Lokali u diversi politiki tal-ippjanar, inklużi dawk li jiddeżinjaw lil Kemmuna bħala riżerva naturali protetta.

Filwaqt li t-Tribunal għaraf li l-proġett se jisporġi fuq art naturali, xorta waħda reġa' kkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar, u ċaħad l-argumenti tal-appellanti li l-proġett imur kontra l-Pjan Lokali u l-politiki tal-ippjanar rilevanti, li ċarament jipprojbixxu bini ġdid u żieda fl-intensità tal-iżvilupp fuq Kemmuna.

Dan l-appell kien possibbli grazzi għall-kontribuzzjonijiet ġenerużi tal-pubbliku għall-kampanja ta' ġbir ta' fondi. Grazzi għall-kontribuzzjonijiet tal-pubbliku, l-għaqdiet issa jistgħu jkomplu jiġġieldu l-każ b'kull mezz legali possibbli biex nipproteġu lil Kemmuna minn dan l-attakk. Il-ġlieda legali biex insalvaw lil Kemmuna mir-regħba se tkompli. Il-passi li jmiss se jiġu mħabbra fil-ġimgħat li ġejjin.

L-appell ġie mressaq minn diversi individwi u l-għaqdiet li ġejjin:

Azzjoni: Tuna Artna Lura

BirdLife Malta

Din l-Art Ħelwa

Friends of the Earth Malta

Għawdix

Moviment Graffitti

Nature Trust – FEE Malta

Ramblers Association

The Archaeological Society Malta

Wirt Għawdex